MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 195/2012

Il-Pulizija

(Spettur Anthony Agius)

vs

**Jason Pace**

iben Paul, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Marzu, 1971, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 144571(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Jason Pace, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bhala direttur tal-kumpanija BBQ Centre Limited (C 26532) ghas-snin 2005 u 2006 b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jew fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjoniet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 kif ukoll fir-Regoli ta' l-1998 dwar Final Settlement System (FSS), A.L. 88 ta' l-1998, mahruga ai termini ta' l-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Marzu, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-Regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabitu hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' tlett mitt Euro (€300). Peress li l-imputat m' ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta BBQ Centre Limited il-Qorti ma imponitx multa addizzjonali.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga' jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b' zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija; u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f 'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b' zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-23 ta’ April, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik i1-parti fejn sabet lill-appellat Jason Pace hati ta' l-unika mputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tbiddilha fil-parti tal-piena billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat multa ta' tlett mitt Ewro (€300), timponi multa addizzjonali skont id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 3(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellat u cioe':-

Illi fit-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012), l-esponent Avukat Generali rcieva 1-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti manifestament ghamlet enucjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata ta' l-ipotezi tal-Ligi. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jintavola dan l-umli appell a bazi ta' dak li jipprovdi 1-artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jirrizulta mis-sentenza appellata li ghalkemm l-appellat instab hati ta' reat ai termini ta' l-artikolu 23 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta, inkwantu l-appellat kien direttur tas-socjeta'

BBQ Centre Limited ghall-perjodi li fihom kien hemm in-nuqqasijiet ai termini ta' l-istess artikolu, l-Ewwel Onorabbli Qorti mponiet biss multa u naqset milli timponi multa ohra addizzjonali ghal kull gurnata li matulha jkompli jissussisti r-reat, u dana kif jipprovdi l-istess artikolu b'mod tassattiv;

Illi effettivament, l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *"Kull persuna li tikser jew li tonqos li thares id- disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) tehel, meta tinsab hatja, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il Euro (116) u mhux izjed minn elf u mija u sittin Euro (1160) jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien, u*[1] *multa ohra ta' mhux inqas minn erba' Euro (4) izda mhux izjed minn tlieta u ghoxrin Euro (23) ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat wara li tinsab hatja ..... .... ir-reat taht dan l-artikolu jibqa' jezisti sakemm min jaghmel ir-reat*[2] *ikun ikkonforma ma' u hares id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih".*

Illi kwindi huwa evidentissimu illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, dejjem bid-dovut rispett, fil-waqt li kienet korretta meta mponiet fuq l-appellat multa ta' tlett mitt Euro (€300), kienet manifestament zbaljata meta naqset milli timponi multa addizzjonali ta' mhux inqas minn erba' Euro (€4) u mhux izjed minn tlieta u ghoxrin Euro (€23) ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat, kif jipprovdi l-istess artikolu 23 b'mod tassattiv.

Illi bid-dovut rispett, ir-raguni li tat l-Ewwel Onorabbli Qorti l-ghaliex ma mponietx din il-multa addizzjonali fuq l-appellat skont il-ligi, hija manifestament zbaljata u legalment insostenibbli. L-Ewwel Onorabbli Qorti fil-fatt ma mponietx din i1-multa addizzjonali "peress li l-imputat m'ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta' BBQ Centre Limited". Bid-dovut rispett, dan ir-ragunament ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa manifestament zbaljat, koncess il-fatt li l-appellat irrizenja minn direttur tas-socjeta' de quo fit-13 ta' Gunju 2006, u kwindi koncess ukoll li l-appellat, b'effett minn dik id-data, m'ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta' msemmija, xorta wahda d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 23 japplikaw ghalih! Din

[1] Sottolinear / emfasi ta' l-esponent.

[2] Sottolinear / ernfasi ta' l-esponent.

l-Onorabbli Qorti kellha diversi okkazjonijiet li fihom esprimiet ruhha b'mod car u nkonfondibbli f'dan ir-rigward.

Illi fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) vs. George Vella, deciza minn din l-Onorabbli Qorti (hekk kif preseduta mill-Onor. Imhallef Michael Mallia) fid-9 ta' Dicembru 2011, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi:

> *"Peress li l-kliem "min jaghmel ir-reat" ma fiha l-ebda' definizzjoni partikulari ta' kariga rrispettivament jekk dak li jkun ikunx ghadu direttur jew le[3] ":*

Fl-istess sentenza, din l-Onorabbli Qorti tkompli tghid illi:

> *"il-Oorti tifhem li din ir-rizenja kienet wahda volontarja... u r-responsabilita' tieghu versu 1-Kummissarju tat- Taxxi Interni tibqa' vigenti [4]".*

Inoltre, ghax f'dan il-kaz (u cioe' fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs. George Vella) kienetqamet il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, din l-Onorabbli Qorti kienet ukoll irritjeniet illi minkejja li s-Sur Vella (u cioe' l-imputat u appellat fl-imsemmija fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs. George Vella) kien irrizenja minn direttur xi snin qabel, il-preskrizzjoni fil-konfront tieghu kellha tibqa' ghaddejja sakemm huwa jottempra ruhhu mal-ligi.

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet: ' Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) vs. Brian John Farrugia', ukoll deciza minn din l-Onorabbli Qorti (hekk kif preseduta mill-Onor. Imhallef Michael Mallia) fid-9 ta' Dicembru 2011, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi persuna li taqdi jew li kienet taqdi l-funzjoni ta' direttur ta' kumpannija, tibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat- Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha li tkun naqset li tibghat ir-returns u l-hlasijiet dovuti, irrispettivament jekk tkunx ghadha direttur jew le. Inoltre, din l-Onorabbli Qorti rritjeniet illi:

> *"Il-proviso ta' l-Artikolu 23(13), jipprovdi li r-reat jibqa' jezisti "sakemm min jaghmel ir-reat...". Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabilita' tad-direttur jew min ghandu fuqu r-responsabilita' illi jottempra ruhu mal-provvidimenti tal-Kap. fuq imsemmi 372*

[3] Souolinear / emfasi ta' l-csponent

[4] Souolinear / emfasi ta' l-esponcnt

*jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spicca minn diretturi*[5]*. Peress illi l-kliem "min jaghmel ir-reat" ma fiha l-ebda definizzjoni partikulari ta' kariga rrispettivament jekk dak li jkun jkunx ghadu direttur jew le. Jekk ma jkunx ghadu direttur allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi hu kien fl-impossibilita' illi jottempra ruhu mal-ligi minhabba raguni jew ohra. Jekk direttur irrzenja fi zmien partikolari volontarjament, allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempra ruhu mal-ligi u fil-konfront tieghu l-preskrizzjoni ma tapplikax u 1- proviso ta' l-Artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa' jissussisti fil-konfront tieghu*[6] *".*

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet cara u kategorika fis-sentenzi taghha dwar l-applikazzjoni ta' l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma jistax ikun, u certament imur b'mod assai perikoluz kontra l-ispirtu tal-ligi li kieku l-ligi kellha tippermetti li persuna responsabbli ghal hlas tat-taxxa ta' socjeta' kummercjali, bhal ma huwa direttur, jaghmel snin shah ma jhallasx taxxa, u meta jidhirlu konvenjenti, jirrizenja minn direttur u jezonera ruhu mir-responsabbilitajiet tieghu! B'kull rispett l-appellat Jason Pace ghadu responsabbli ghat-taxxa kollha dovuta, u il-proviso ta' l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta huwa perfettament applikabbli ghalih minkejja li llum il-gurnata huwa m'ghadux direttur tal-kumpanija.

Illi minghajr ma wiehed itawwal inutilment, fil-kaz de quo huwa pacifiku u nkontestat li 1-appellat Jason Pace kien direttur tas-socjeta' BBQ Centre Limited matul is-snin indikati fl-akkuza. Huwa wkoll pacifiku u nkontestat li bhala direttur, l-appellat Jason Pace kien responsabbli biex jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni id-denunzji tat-taxxa u il-hlas relattiv ghall-istess snin indikati fl-akkuza, xi haga li huwa naqas milli jaghmel.

Kwindi, meta wiehed jara l-atti processwali u japplika l-artikoli tal-ligi u l-kazistika nostrana dwar is-suggett, ma hemm ebda dubju li l-appellat Jason Pace kien u ghadu responsabbli

[5] Souolinear / emfasi ta' l-csponent

[6] Souolinear / emfasi ta' l-esponcnt

versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tat-taxxa kollha dovuta ghas-snin 2005 u 2006.

Illi kwindi d-dispozizzjonijiet tal-proviso ta' l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta huma applikabbli ghall-appellat, kif inhuma wkoll applikabbli d-dispozizzjonijiet dwar il-pieni fl-istess artikolu, fosthom il-multa addizjonali ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat. U dana b'mod tassattiv kif tipprovdi l-ligi stess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell ta' l-Avukat Generali hu limitat ghal fatt li l-ewwel Qorti mponiet biss multa u naqset li timponi multa ohra addizjonali ghal kull gurnata li matulha jkompli jissussisti r-reat u dan kif jipprovdi l-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-ewwel Qorti ma mponietx il-multa hawn fuq imsemmija ghal fatt li l-appellat ma ghadux legalment jirraprezenta lis-socjeta' hawn fuq imsemmija. Fil-fatt, mill-provi migbura jirrizulta li fis-17 ta' Jannar, 2012 hu nforma lill-MFSA li hu kien irrizenja bhala direttur minn din il-kumpanija fit-13 ta' Gunju, 2006. L-appellat xehed li hu kien jiggestixxi n-negozju ta' din il-kumpanija li kien jikkonsisti f'erba' restaurants u meta jghidulha biex jiffirma xi karti hu kien imur ghand l-accountant u imbaghad kien ikompli b'xogholu.

Illi hu evidenti li l-appellat ma kellhu ebda ideja ta' x'kien qed jigri u kien ikun ferm aktar gust li kieku z-zewg diretturi ta' din is-socjeta' gew imharrka. Dan qed jinghad ghas-semplici fatt li l-formoli li originarjament ma gewx sottomessi lid-dipartiment gew sottomessi u iffirmati mit-tieni direttur.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-appell ta' l-Avukat Generali, a bazi tal-gurisprudenza ta' din il-Qorti, tali appell ghandu jirnexxi. F'zewg sentenzi moghtija minn din il-Qorti, diversament

presjeduta, fid-9 ta' Dicembru, 2011 fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. George Vella' u 'Il-Pulizija v. Brian John Farrugia' gie stabbilit li f'dawn il-kazijiet il-multa addizjonali ghandha tigi mposta wkoll sakemm il-persuna akkuzata ma tkunx ghamlet l-obbligi kollha li l-ligi timponi fuqha. L-artikolu 23(13) tal-kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta hu tassattiv u ma jammetti ebda deroga. Min-naha l-ohra, bex jinghad kollox, id-Dipartiment ghandu jkun responsabbli u ghaqli fl-ghazla lil min iharrek. Huwa veru li hu jista' jharrek lil kwalunkwe direttur izda analizi tal-persuni li jikkomponu l-istruttura ta' din is-socjeta' kellhu jwassal ghal konkluzjoni li kien ikun ferma ahjar li kieku d-diretturi kollha jkun imharrka.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellat Jason Pace hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu. Tirriforma s-sentenza appellata fil-piena billi fil-waqt li tikkonferma li l-appellat ghandu jhallas multa ta' tlett mitt euro (€300) timponi multa addizjonali ta' erba' euro (€4) ghal kull gurnata sakemm l-appellat jikkonforma ma' u jhares id-dispozizzjonijiet kollha tal-artikolu 23(13) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' kull regola maghmula fih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------